# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ġimgħa 30 ta’ Ġunju, 2023**

**Rikors Ġuramentat nru. 938/20MH**
**Numru: 3**

**Mohamed A.Amhamed Al ( bħala**
**Mandatarju speċjali tal-assenti Mohamed Ali Boalija Bosnina)**

**Vs**

**Khaled Yassine u martu Duaa Elsadi**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat fejn ġie premess illi:-**

*Mohamed A. Amhamed Al Shibani (Dok. Res. MT6888457) jiddikjara bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma* ***ILLI:***

*<u>Dikjarazzjoni tal-Oġġett tal-Kawża</u>*

*1.Permezz ta' kuntratt datat 1 ta' Marzu 2017 (Dok. 'A'), I-intimati kkostitwew ruħhom debituri ta' Mohamed Ali Boajila Bosnina fis-somma ċerta likiwda u vera ta' tlett mija u tletin elf Euro (EUR330,OOO.OO).*

*2.Mohamed Ali Boajila Bosnina huwa preżentement assenti minn Malta u ai finijiet ta' din il-kawża ħatar Iil Mohamed A. Amhamed Al Shibani bħala mandatarju speċjali (Dok. 'B').*

*3, Kif jirriżulta mill-kuntratt preċitat is-somma ta' tlett mija u tletin elf Euro (EUR330,000.00). kellha titħallas sa mhux aktar tard mis-17 ta' Marzu 2017.*

*4.Dan il-ħlas però' sal-llum ma sarx.*

*5.Dan id-debitu huwa tert, likwidu, u dovut; I-intimati ma għandhomx eċċezzjonijiet x'jagħtu u għaldaqstant din il-kawża tista' tiġi deċiża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*
*6.Ir-rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*<u>Raġuni tat-Talba</u>*

*Għar-raġunijiet premessi, kellhom jiġu istitwiti dawn il-proċeduri.*

*<u>Talbiet</u>:*

***Jgħidu għalhekk I-intimati 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:***

1. *Taqta' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini tal-ArtikoIu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. *Tikkundanna, għar-raġunijiet premessi, lill-intimati in solidum sabiex iħallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tlett mija u tletin elf Euro (EUR330,000.00).*

*Bl-imgħax mis-17 ta' Marzu 2017 sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru u tal-mandat ta' inibizzjoni ntavolati kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat, kontra I-intimati 'Ili huma minn issa nġunti ghas-subizzjoni.*

Rat li dan ir-rikors sar bit-talba għad-dispensa tas-smiegħ ai terminu ta' l-artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-digriet tagħha datat 29 ta' Ottubru, 2020.[1]

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Frar, 2021 saret trattazzjoni biex tiġi reżistita il-proċedura tal-giljottina. F'din l-istess seduta xehed Khaled Yassine[2] li esebixxa ukoll dokument KB[3]. In suċċint jgħid li d-dovut kien se jitħallas aqta' għal mitt elf ewro li kienu ġia tħallsu. Ix-xhud ikkonferma li hu kien jaf lill-attur is-somma ta' €230,000.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Frar, 2023 il-Qorti ċaħdet li tisma' u tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai terminu ta' l-artikoli 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement ipprefiġit terminu ta' għoxrin jum biex il-konvenut jippreżenta risposta ġuramentata tiegħu.

Rat li ġiet preżentata risposta ġuramentata fejn ġie eċċepiet illi:-

1. Fl-ewwel lok, preferibbilment għall-ewwel talba rikorrenti, din ġiet miċħuda in forza tal-provediment mogħti fis-seduta stante minn din l-Onorabbli Qorti nhar il-5 ta' Frar, 2021;
2. Fit-tieni lok, riferibbilment għat-tieni talba rikorrenti, l-intimati ħallsu akkont tas-somma 'illi huma kkonstitwew ruħhom debituri in forza tal-

[1] Folio 7
[2] Folio 13
[3] Folio 16

kuntratt tal-1 ta' Marzu, 2017, is-somma ta' mitt elf Euro (E100,000); għalhekk it-tieni talba rikorrenti kif postulata flimkien mat-talba fir-rispett tad-dekorrenza tal-imgħax mis-17 ta' Marzu 2019 jibqgħu infondati fil-fatt u fil-liġi;

Rat l-affidavit tal-attur[4]. Rat li fl-istess jammetti li llum huwa dovut is-somma ridotta ta €230,000 mingħand il-konvenut.

Rat ukoll fir-rigward il-kuntratt esebit mill-attur bħala Dok A[5] li hu l-kostituzzjoni tad-debitu mertu tat-talbiet attriċi.

Ikkunsidrat;

Illi n vista ta' dak kollu premess il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:-

1. tiċħad għar-raġunijiet premessi l-ewwel talba ai termminu ta' l-artikolu 167 et. seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. tikkundanna li l-konvenuti Khaled Yassine (K.I. nru. 0135504L) u martu Duaa Elsadi (K.I.nru. 2208L) in solidum jħallsu lill-attur is-somma ta' €230,000, bilanċ tas-somma oriġinali mitluba.

Bl-imgħax mis-17 ta' Marzu, 2017 sal-pagament effettiv u bl-ispejjeż inklużi dawk ta' mandat ta' sekwestru u l-mandat ta' inibizzjoni intavolati kontestwalment mar-rikors ġuramentat.

---

[4] Folio 28
[5] Folio 4

**Onor.Imħallef Dr. Miriam Hayman**

**Rita Falzon.**

**Dep.Reg**